MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 17/2003

**Angelo Baldacchino u Isabella Baldacchino**

**vs**

**Bjorn Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal rapprezentanti danni kawzati fil-vettura propjeta ta’ l-atturi meta fl-14 ta’ Ottubru 2002 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru EBB 394 tat-tip Honda, habat fil-vettura bin-numru IAZ 235 tat-tip Suzuki propjeta ta’ l-atturi bil-konsegwenza illi l-atturi garrbu hsarat fil-vettura propjeta taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghal incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda u ra d-dokumenti li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

[a] Fl-14 ta' Ottubru 2002 sehh incident fi Triq il-Kunsill Ewropa, Luqa.

[b] F'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Suzuki (numru IAZ 235) u vettura Honda (numru EBB 394) misjuqa mill-konvenut.
[c] Il-vettura misjuqa minn Isabella Baldacchino harget minn fejn kien jinsab l-ajruport l-antik u qabdet ir-roundabout.

[d] Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Qormi, igifieri minn fuq ix-xellug ta' l-attrici.

[e] Il-hsara fil-vettura misjuqa minn Isabelle Baldacchino hija fil-bieba ta' wara fuq in-naha tax-xufier, filwaqt li l-vettura tal-konvenut garrbet hsara fuq quddiem (fil-mudguard u l-bumper) fil-parti tax-xellug taghha.

2. Is-sewwieqa taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin:-

[a] Isabelle Baldacchino xehdet li waqt li kienet qeghda timmanuvra mar-roundabout giet vettura minn fuq in-naha tax-xellug taghha u baqghet diehla fil-karrozza taghha. Xehdet ukoll li minn meta qabdet ir-roundabout sakemm sehh l-incident, kienet il-hin kollu man-naha tat-triq li tigi proprju mar-roundabout.

[b] Il-konvenut xehed li waqt li kien ghaddej mar roundabout, il-vettura misjuqa minn Isabelle Baldacchino

[li kienet tinsab fuq il-parti tax-xellug ta’ Triq il-Kunsill tal-Ewropa] gibdet ghal fuq in-naha tieghu u sehh l-incident.

3. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija iktar kredibbli. Il-hsarat riskontrati fiz-zewg vetturi jeskudu li l-incident sehh bil-mod li ddeskrivtu l-attrici. Kieku l-hsarat kienu jkunu fuq in-naha tax-xellug tal-vettura taghha u mhux fuq il-lemin taghha. L-attrici xehdet li minn x’hin qabdet ir-roundabout sakemm sehh l-incident kienet dejjem fuq in-naha ta’ gewwa li tigi ezatt mar-roundabout. Dan ma jistax ikun minnu ghaliex kieku l-hsara fil-vettura taghha kienet tkun fuq in-naha l-ohra.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici ma kenitx prudenti meta bidlet il-karreggjata li kienet ghaddejja minnha, u mill-provi ma jirrizultax li tat sinjal f’waqtu lis-sewwieqa l-ohra sabiex turi x’manuvra kienet ser taghmel.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------